**FIT-TRIBUNAL TAL-KONSUMATUR**

Maria Dolores Spiteri

vs

Anthony Attard

CCT G11/21/MS

27 ta' Jannar 2023

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrenti prezentat fit-23 ta' Settembru 2021 fejn talbet lil dan it-Tribunal jikundanna l-intimat ihallasha tlett mitt Euro, u dan wara li l-intimat wahhal sistema ta' intercom, liema sistema ma kenitx tahdem kif suppost, peress illi s-serratura installata ma kenitx tajba u kellha tinbidel.

Ra r-risposta tal-intimat fejn cahad it-talbiet tar-rikorrenti bhala infondati fil-fatt u fid-dritt, u qal li x-xoghol li ghamel kien tajjeb, is-sistema kienet tahdem u li l-valur tat-talba ma jirrizultax mill-atti.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' x-xhieda bil-gurament.

Ikkunsidra

Illi rrizulta mill-provi illi r-rikorrenti ghamlet kuntatt mal-intimat f'Ottubru 2020, u dan wara li saret taf bis-servizz li joffri permezz tal-pagna tieghu fuq Facebook fejn huwa kien jirriklama installazzjoni ta' sistemi ta' Home Security. Malli ghamlet kuntatt mieghu, huwa talab ritratt tas-serratura u spjega li l-lock ma kienx kompattibbli mas-sistema u li ried jinbidel il-lock. Ftehmu mieghu sabiex jigi jara l-bieb u jaghtihom stima u f'Novembru 2020 huwa gie fuq il-post u tahom stima ta' erba mitt Euro - €330.00 ghall-intercome u €70.00 ghas-serratura. Qalilhom ukoll illi kien ser jordna s-sistema minn barra. L-intimat gie iwahhal is-sistema f'Dicembru 2020, u f'nofs l-installazzjoni, meta qabbad is-sistema mad-dawl, bdiet tinxtamm riha ta' hruq. Biddel certu parti mis-serratura u s-sistema bdiet tahdem. Kif lesta x-xoghol huma hallsuh erba mitt Euro. Pero' mill-ghada s-sistema ma komplietx tahdem u minnufih ikkuntattjawh u qalilhom li kien ser jigi wara l-festi, pero'

minkejja li ghamlu appuntament ghal wara l-festi, baqa' ma tfaccax. Pruvaw jikkuntattjawh diversi drabi wara, pero' injora kull attentat sabiex huwa jigi jirranga x-xoghol. Peress li ma setghux jibqghu bis-sistema ma tahdimx, kellhom igibu persuna ohra sabiex jara x-xoghol. Dan qalilhom li s-serratura li wahhal l-intimat ma kenitx tajba u kellha tinbidel u l-gdida giet tiswa €254.00.

Illi min-naha l-ohra, l-intimat jikkonferma illi r-rikorrenti kienet cemplet ghax riedet sistema tal-intercom u hu kien mar biex jara fejn dan kien ha jsir u ra li s-serratura ma kenitx tal-elettriku u allura kellha titbiddel parti minnha. Jghid ukoll li s-serratura kienet ser tiswa xi mija u hamsin Euro, pero' r-rikorrenti ma reditx thallas daqshekk u sabilha wahda minn fuq l-internet u tahula cost price, u wahhalha wkoll minghajr spejjez ghall-installazzjoni. Qal ukoll li kien hemm xi xoghol ta' dawl li kien jirrikjedi li jsir minn electrician u ghaldaqstant ma setax jaghmel ix-xoghol kollu hu. Jghid li meta gie l-electrician, is-serratura ma baqghitx tahdem iktar, pero' l-intercom kienet tahdem perfettament. Jghid li huma kienu qabbduh ghall-intercom originarjmanet, u gabilhom is-serattura wara.

Ikkunsidra

Illi permezz ta' din il-kawza, r-rikorrenti qieghda titlob is-somma ta' tlett mitt Euro minghand l-intimat - mhuwiex car kif ir-rikorrenti waslet ghal din ic-cifra u ta' xhiex qieghda tippretendi dawn il-flus. Irrizulta, pero', illi hija hallset lill-intimat €400.00: 330 ghas-sistem tal-intercom u €70 ghal serratura, u sussegwentement hallset ukoll €254.00 lil Finoferramenta ghall-serratura gdida li kien jinkludi security lock u electric striker (116.40 + 131.05).

It-Tribunal huwa sodisfatt illi l-intercom illi twahhal mill-intimat kien jahdem u l-ilment tar-rikorrenti huwa limitat biss ghas-serratura li jew ma kenitx tajba ghall-uzu li ghaliha kien mistenni, jew inkella kienet difettuza. It-Tribunal huwa sodisfatt illi din is-serratura ma kenitx kompatibbli mas-sistema originali li twahhal mill-intimat. Jista' jkun veru illi hu offrielha xi haga ohra u li kienet hi li rrifjutatu, pero' tajjeb jew hazin, la hu ghazel li jixtri s-serratura, irid jassumi wkoll ir-reponsabbilita' taghha - u t-Tribunal huwa sodisfatt illi din is-serratura ma kenitx idonea u/ jew kompatibbli mas-sistema tal-intercom. Pero' dan ma jfissirx illi l-intimat ghandu jbaghti l-ispejjes ta' serratura gdida, ghaliex li kieku kien hekk, dan ikun ifisser illi jekk ir-rikorrenti fettilha tixtri serratura ta' elf Euro, l-intimat kien ikun obbligat li jhallas l-ispejjes hu, li zgur ma jaghmilx sens. Gialadarba r-rikorrenti hallset sebghin Euro ghas-serratura li ma kenitx tahdem, dan huwa l-ammont li ghandu jigi rifuz lilha.

Pero' t-Tribunal ma jistax ma jikkummentax dwar kif xi hadd li qed jirriklama u joffri servizzi ta' installazzjoni bhal dawn, ma jkunx licenzjat ukoll illi jghaddi d-dawl, iktar u iktar, meta s-servizz kien jirrikjedi dan it-tip ta' xoghol. Gialadarba huwa offra s-

servizz tieghu ta' sistema ta' intercom u impenja ruhu li jbiddel is-serratura, kien sta ghalih li, jekk hu mhuwiex licenzjat, igib miehgu xi hadd li huwa licenzjat, biex almenu s-servizz li joffri jkun komplut mill-bidu sal-ahhar, minflok jipponta subghajh u jipprova jwahhal f'din it-terza persuna.

Ghalhekk, wara li qies ic-cirkostanzi kollha, inkluz il-fatt illi nonostante diversi tentattivi da parti tar-rikorrenti sabiex tikkomunika mal-intimat, dan baqa' inadempjenti u r-rikorrenti kellha ggib lil xi hadd iehor biex jispicca x-xoghol li beda, it-Tribunal jidhirlu illi dan jimmerita xi tip ta' kumpens.

Ghal dawn il-motivi, jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' parzjalment it-talba tar-rikorrenti u jikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti s-somma ta' mija u ghoxrin Euro - kwantu ghal sebghin euro ghal serratura u kwantu ghal hamsin euro ghal danni morali. Bl-ispejjes kontra l-istess intimat.

Michela Spiteri Av.
Arbitru